# QORTI ĊIVILI - PRIM AWLA
# (Sede Kostituzzjonali)

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sitta u Għoxrin (26) ta' April 2022**

**Rikors Numru 195/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Jennifer Koster**

**Vs**

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 26 ta' Marzu 2021, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbet is-segwenti:

*Illi nhar it-18 ta' Novembru tas-sena 2015 ir-rikorrenti waslet Malta fuq titjira minn Dusseldorf u fi triqtha lejn id-dar mal-partner tagħha, fil-by pass ta' l-Imrieħel, huma ġew interċettati w imwaqqfa fuq suspett ta' importazzjoni ta' droga minn tlett vetturi pajżana, li wara li identifikaw ruħhom bħala Pulizija tad-Drug Squad, infurmawha illi kienet se tittieħed l-isptar Mater Dei sabiex isirulha xi testijiet.*

*Illi fl-isptar Mater Dei saritilha tfittixija inkluż fil-partijiet intimi tagħha, u dan minn tabib ta' sess maskili, fil-preżenza ta' uffiċjali tal-Pulizija wkoll tas-sess maskili u sussegwentement intalbet li tieħu s-suppożitorji sabiex tipporga u wara li ppurgat, hija ġiet mogħtija borża tal-plastik (u lanqas ingwanti), u dan sabiex tfittex hija stess, fl-excretes tagħha. Illi wara l-arrest u s-searches kif ingħad r-rikorrenti ġiet rilaxxata u qatt ma nġabu ebda akkużi fil-konfront tagħha stante li ma rriżulta xejn illegali. Illi dan l-aġir tal-Pulizja, poġġa lill-rikorrenti f'sitwazzjoni imbarazzanti, umiljanti u degredanti għall-persuna tagħha.*

*Illi sussegwentement nhar is-27 ta' Frar tas-sena 2015 ir-rikorrenti intavolat proċeduri kostituzzjonali fejn umilment ikkontendiet illi l-arrest tagħha kien wieħed illegali u konsegwentement arbitrarju ai termini tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u ai termini tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll jilledi d-drittijiet fundamentali tagħha għal ħarsien mill-probizzjoni tat-tortura u trattament jew piena degradaneti jew inumana hekk kif sanċiti fl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 3 tal-istess Konvenzjoni. Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili [Sede Kostituzzjonali] ippresjeduta mill-Imħallef Joseph R. Micallef permezz ta' sentenza datata 17 ta' Diċembru tas-sena 2020 u wara illi ddifferiet il-kawża 17-il darba għas-sentenza fuq medda ta' sentejn iddeċidiet illi ma kienu ġew miksura l-ebda drittijiet tar-rikorrenti.*

*Illi sussegwentement ir-rikorrenti intavolat appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali komposta mili-Prim' Imħallef Mark Chetcuti, l-Imħallef Giannino Caruana Demajo u l-Imħallef Anthony Ellul li permezz ta' sentenza datata 17 ta' Marzu tas-sena 2021 wara li pproċediet bi speditezza u effiċjenza eżemplari rrevokat is-sentenza tal-Prim' Awla u sabet ksur tad-drittijiet fundamentali tal-rikorrenti senjatament illi waqt l-arrest tagħha ġew leżi d-drittijiet fundamentali kif sanċiti fl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u konsegwentement ordnat lill-Avukat tal-Istat u 1-Kummissarju tal-Pulizija jħallsu kumpens pekunarju bħala danni morali.*

*Illi fil-proċeduri quddiem il-Prim' Awla r-rikorrenti sofriet ksur ulterjuri tad-drittijiet fundamentali, senjatament dak tas-smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli kif sanċit fl-artikolu 39 tal- Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni peress illi wara li l-partijiet għalqu l-provi u saru s- sottomissjonijiet il-kawża ġiet imħollija għas-sentenza għas-segwenti dati 31/10/2018, 08/11/2018, 17/01/2019, 28/02/2019, 11/04/2019, 16/05/2019, 13/06/2019, 04/07/2019, 31/10/2019, 16/01/2020, 23/01/2020, 12/03/2020, 30/04/2020, 11/06/2020, 20/07/2020, 29/10/2020 u 17/12/2020, u allura differita għal 17-il darba fuq medda ta' iktar minn sentejn. Illi mhux biss waqt ir-rikorrenti kienet qed tinvoka ksur tad-drittijiet fundamentali waqt l-arrest iżda ulterjorment waqt proċeduri, kostituzzjonali, illi minn natura tagħhom stess jeżiġu trattament urġenti.*

*Illi għaldaqstant dan l-ilment dwar dewmien irraġjonevoli huwa limitat biss għall-andament tal-proċeduri quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili stante illi fi stadju ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali l-proċeduri imxew bi speditezza u b'effiċjenza eżemplari u infatti ġew konklużi f'inqas minn 3 xhur.*

*Illi d-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ġie stabbilit permezz ta' ġurisprudenza kopjuża u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem [QEBD]. Illi huwa dritt fundamentali ta' l-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa u finalizzata fi żmien raġonevoli, liema dritt huwa tassattivament imponut fuq kull Stat. Skont l-artikolu 6(1)*

*tal-Konvenzjoni Ewropea "Fid-deċiżjoni ... ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ ... fi żmien raġonevoli.*

*L-istess jistipula l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni li "Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu ... jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli ..."*

*Ir-rekwiżit ta' żmien raġonevoli fi proċedimenti kostituzzjonali jfittex li jiżgura li persuni jkollhom il-każ tagħhom determinat fi żmien raġonevoli. Dan sabiex il-persuni ma jdumux fit-tul fi stat ta' inċertezza (ara Wemhoff vs Germany, Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, 27 ta' Ġunju 1968, § 18, Kart v. Turkey, Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bħala Awla Manja (AM), 3 ta' Diċembru 2009, § 68).*

*Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja kif riflessa fil-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, stabbiliet il-prinċipji li għandhom jiddeterminaw it-tul taż-żmien tal-proċedimenti u l-kriterji indikattivi tar-raġjonevolezza ta' dan it-tul taż-żmien.*

*Kif ġie kemm il-darba affermat, ir-raġjonevolezza taż-żmien meħud fis-smigħ ta' kawża għandha titqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ "magħdudin flimkien b'effett kumulattiv" f'kull stadju tal-kawża, inkluż dak tal-appell (Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar 2016; Konig vs Germany ċitata supra § 110; Boddaert v. Belgium, QEDB, 12 ta' Ottubru 1992, § 36; Deumeland vs Germany, 29 ta' Mejju 1986, § 90). Għall-Qorti Ewropeja għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem tant tqis dawn il-prinċipji sagrosanti li anke t-tul komplessiv tal-proċedimenti jista' jitqies li jkun qabeż iż-'żmien raġonevoli' anke fejn ċerti stadji tal-istess ikunu mxew b'ħeffa aċċettabli (Dobbertin v. France, QEDB, 25 ta' Frar 1993, § 44). Ġie stabbilit li dan ir-rekwiżit ta' żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni m'għandux jimmina l-prinċipju ġenerali tal-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja, wkoll stabbilit b'dan l-artikolu. Għandu għalhekk jintlaħaq bilanċ ġust bejn id-diversi aspetti varji ta' dan ir-rekwiżit fundamentali (Boddaert v. Belgium ċitata supra § 39; ara wkoll Raymond Bonnid et vs Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 2 ta' Marzu 2015, para 27). Eżempju ta' dan huwa fejn il-ħtieġa ta' riżoluzzjoni mgħaġġla ta' proċediment m'għandux iċaħħad akkużat mid-drittijiet ta' difiża (Boddaert vs Belgium ċitata supra § 39.)*

*Fil-kejl tagħha tar-raġjonevolezza taż-żmien, il-Qorti Ewropea, u bl-istess mod il-Qrati tagħna, konsistentement qieset iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ fid-dawl ta' erba' kriterji ġenerali (Konig v. Germany ċitata supra § 99; Neumeister v. Austria ċitata supra § 21; Ringeisen v. Austria ċitata supra § 110; Pelissier and Sassi v. France, QEDB, 25 ta' Marzu 1999, § 67; Pedersen and Baadsgaard v. Denmark, QEDB, 17 ta' Diċembru 2004 § 45; Chiarello v. Germany, QEDB, 20 ta' Ġunju 2019, § 45; Liblik and Others v. Estonia ċitata supra § 91). Dawn huma:*

*(i) il-kumplessità tal-każ;*
*(ii) il-kondotta tal-persuna li qed tilmenta;*
*(iii) il-kondotta tal-Awtoritajiet relevanti;*
*(iv) x'hemm involut għall-persuna li qed tilmenta;*

*L-artikolu 6 jimponi fuq l-Istati kontraenti d-dover li jorganizzaw is-sistemi ġudizzjarji tagħhom u jforni lilhom riżorsi biżżejjed sabiex jippermettu lill-qrati tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti mposti fl-artikolu 6 u b'hekk ma jkunx hemm dewmien irraġonevoli fil-proċeduri* ***(Abdoella v. the Netherlands, QEDB, 25 ta' Novembru 1992, § 24; Dobbertin v. France ġia ċitata § 44; Zimmermamt and Steiner vs Switzerland, QEDB, 13 ta' Lulju 1983, § 29; Guincho vs Portugal, QEDB, 10 ta' Lulju 1984).***

*Kif sewwa rriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża* ***John Bugeja vs L-Avukat Ġenerali et****, 11 ta' Awwissu 2003,*

> *"Meta jinstab li kawża damet pendenti għal żmien twil u damet irraġonevolment biex inqagħtet, ikun ġudizzju simpliċistiku wisq li tintefa' l-ħtija għad-dewmien fuq l-Imħallef partikolari li jkun sema' l-istess kawża li damet. Ikun ġudizzju x'aktarx immensament inġust li takkuża jew li tinsinwa li dak l-Imħallef partikolari jkun tgħażżen, tnikker jew ġeneralment ma kienx diliġenti f'xogħolu. Dan għaliex, fil-verita', l-abilta' ta' dak l-Imħallef li jiddisponi mill-kawżi fi żmien raġonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsiċi u personali tiegħu, iżda, fil-parti l-kbira, tiddependi fuq l-effikaċja o meno ta' l-ambjent li jaħdem fih. Fost il-fatturi li jikkondizzjonaw dan l-ambjent, insibu n-numru kbir ta' kawżi "qodma" (backlog) li "jitgħabba" bih appena jilħaq Imħallef, in-numru sinjifikanti ta' kawżi ġodda li jiġu assenjati lilu regolarment, u dawk li jista' "jiret" meta jirtira xi ġudikant, il-kwalita' u l-kumplessita' ta' l-istess kawżi, jekk l-Imħallef jingħatax persuni debitament kwalifikati biex jassistuh, jekk jingħatax r-riżorsi neċessarji biex jagħmel ir-riċerka tiegħu, biex iżomm ruħu aġġornat fl-istudji tiegħu, u biex isib il-ħin neċessarju għad-deliberazzjoni u l-kitba tas-sentenzi.*
>
> *Id-dritt fundamentali ta' l-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa u finalizzata egħluq iż-żmien raġonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-seħħ sistema effiċjenti t'amministrazzjoni tal-ġustizzja. Il-ġudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema tagħna, huma ż-żewġ kolonni l-oħra ta' l-istat, ċioe' l-eżekuttiv u l-leġislattiv, li għandhom obbligu li jipprovdu r-riżorsi, l-istrutturi u l-għodod l-oħra kollha neċessarji biex il-Qrati jkunu f'pożizzjoni li jwettqu l-ġustizzja fi żmien raġonevoli.*
>
> *Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem għallmet li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni: "... imposes on the Contracting States the duty to organise their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision Salesi vs Italy (2610211993). It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility Katte Klitsche de la Grange vs Italy (27/10/1994) - (ara A.P. vs Italy 28/07/1999 Application 35265/97 - para. 18)"*

*Illi meta wieħed iqiegħed iċ-ċirkostanzi tal-każ u ż-żmien rilevanti għall-*

*ilment tal-rikorrenti u jkejjilhom mal-kriterji hawn fuq msemmija, wieħed ma jistax jasal għal fehma li kien hemm dewmien ġustifikabbli fis-smigħ ta' dan il-każ jew li tali dewmien kien attribwibbli lir-rikorrenti. Iż-żmien meħud biex effettivament wassal sabiex ir-rikorrenti ingħatat sentenza kien wieħed li ċertament jaqbeż iż-żminijiet li normalment jittieħed biex Qorti tiddisponi minn każijiet simili.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti umilment u bir-rispett titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *TIDDIKJARA illi t-trapass taż-żmien u d-dewmien irraġonevoli li ttieħed sabiex ġew konklużi il-proċeduri kostituzzjonali surreferiti, leda d-dritt fundamentali u kostituzzjonali tagħha, hekk kif sanċiti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

2. *TAKKORDA rimedju effettiv u tagħti dawk l-ordnijiet u provvedimenti xierqa u neċessarji sabiex jiġu sanċiti d-drittijiet inerenti u kostituzzjonali tal-esponent kif hawn fuq indikat.*

2. Rat illi fl-4 ta’ Mejju 2021, l-intimat Avukat tal-Istat laqa’ għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

*Illi l-kawża odjerna tirrigwarda jekk ir-rikorrent ġarrabx leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minħabba dewmien irraġonevoli fil-proċeduri fl-ismijiet “Jennifer Koster kontra Kummissarju tal-Pulizija et” deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-17 ta` Marzu 2021.*

1. *Illi huwa paċifiku kif konstatat anke mill-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li prinċipalment għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ ta’ proċess eċċediex il-parametri tas-smigħ fi żmien raġonevoli huma l-komplessita’ tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir ta’ l-awtorita’ jew awtoritajiet relevanti – f’dan il-każ l-aġir ta’ awtorita’ ġudizzjarja. Għalhekk, skond il-ġurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal għal konklużjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta’ smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, il-proċedura ġudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun eżaminata fl-assjem tagħha u ma jistax ikun eżaminat biss element jew parti waħda minn din il-proċedura.*

2. *Ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas mill-esponent peress li hu ma kien involut bl-ebda mod fil-kawża in diżamina u għalhekk jirriżulta b`mod ċar li l-esponent irid iwieġeb għall-mod kif mexxew il-kawża il-Qrati tagħna.*

3. *Illi hu aċċettat illi ma hemm l-ebda ‘time limit’ li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha għax altrimenti l-interessi tal-ġudizzju jiġu preġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta.*

4. *Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jiġi ppruvat illi mhux biss il-każ dam pendenti iżda li tali dewmien huwa wieħed kapriċċuż u ntiż biex jiżvantaġġahom fit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom skond il-Liġi.*

5. *Illi finalment sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġjonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-kumplessivita' tiegħu u fil-każ odjern l-esponent jeċċepixxi li mill-assjem tal-proċeduri in deżamina għalkemm il-każ ha numru ta' snin ma kienx hemm dewmien irraġonevoli.*

6. *Illi jirriżulta li l-kawża in kwistjoni bdiet tinstema' minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fis-17 ta` Marzu 2015. Dakinhar il-Qorti appuntat Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi li jista' jkollhom il-partijiet. Kif ser jirriżulta mill-provi, għal numru ta` snin il-kawża kienet quddiem l-assistent ġudizzjarju proprju sabiex ir-rikorrenti tressaq il-provi tagħha. M`hemm l-ebda dubju li r-rikorrenti stess ikkontribwiet għal iktar dewmien. Is-sentenza mill-Prim' Awla ngħatat fis-17 ta` Diċembru 2020, sentejn wara li l-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub. Fl-umli fehma tal-esponent dan iż-żmien m`huwiex wieħed esaġerat meta jikkonsidra wkoll li l-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet l-appell fi ftit xhur.*

7. *Illi l-allegazzjonijiet li jagħmel ir-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt.*

8. *Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-premess u għall-ġieh tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien xi dewmien irraġonevoli u allura tqis li għandha tagħti xi forma ta` rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju għandu jkun biss ta` kumpens bħala danni morali u mhux ta` danni materjali.*

9. *Illi għalhekk m`hemm l-ebda vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq.*

10. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

11. *Bl-ispejjeż.*

3. Rat illi fis-16 ta' April 2021 il-Qorti appuntat il-kawża għall-24 ta' Mejju 2021.

4. Rat illi fl-24 ta' Mejju 2021, il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-Atti tal-kawża Rikors Ġuramentat Nru 23/2015 fl-ismijiet '**Jennifer Koster vs il-Kummissarju tal-Pulizija**', deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-17 ta' Diċembru 2020 u mill-Qorti Kostituzzjonali fis-17 ta' Marzu 2021, liema atti ġew debitament allegati.

5. Rat illi fit-30 ta' Settembru 2021, fl-assenza tar-rikorrenti w il-konsulent legali tagħha, il-Qorti ddikjarat il-provi rikorrenti bħala magħluqa.

6. Rat illi fit-30 ta' Settembru 2021, l-Avukat tal-Istat iddikjara illi ma kellux provi x'jippreżenta.

7. Rat illi fit-30 ta' Settembru 2021, il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-ġbir tal-provi magħluqa u ddifferiet il-kawża għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub tal-partijiet.

8. Rat illi fl-1 ta' Diċembru 2021, ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensur tar-rikorrenti.

9. Rat illi fil-15 ta' Frar 2022, ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensur ta' l-intimat.

10. Rat illi fil-15 ta' Frar 2022, il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

**Fatti**

11. Jirriżulta, mill-assjem tad-dokumentazzjoni ppreżentati quddiem dina l-Qorti, illi fit-18 ta' Novembru 2015, wara li r-rikorrenti waslet Malta mill-Ġermanja, hija twaqqfet fi triqitha lejn d-dar, fuq suspett ta' importazzjoni ta' droga, u ttieħdet l-isptar Mater Dei sabiex isirulha xi testijiet.

12. Jirriżulta, illi, skond kif iddikjarat mir-rikorrenti fir-rikors promotur tagħha, għax fil-proċeduri odjerni hija qatt ma xehdet, "*fl-isptar Mater Dei saritilha tfittxija inkluż fil-partijiet intimi tagħha, u dan minn tabib ta' sess maskili, fil-preżenza ta' uffiċjali tal-Pulizija ukoll tas-sess maskili u sussegwentement intalbet li tieħu s-suppożitorji sabiex tipporga u wara li ppurgat, hija ġiet mogħtija borża tal-plastik (u lanqas ingwanti), u dan sabiex tfittex hija stess, fl-excretes tagħha.*"

13. Jirriżulta illi hija ġiet sussegwentement rilaxxjata u qatt ma nġabu akkużi fil-konfront tagħha stante li ma rriżulta xejn illegali.

14. Illi r-rikorrenti ħasset illi l-aġir tal-Pulizija poġġiha f'sitwazzjoni imbarazzanti, umiljanti u degredanti għall-persuna tagħha u għalhekk fis-27 ta' Frar 2015, hija nediet proċeduri Kostituzzjonali quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), Rikors Ġuramentat 23/2015, sabiex jiġi dikjarat illi "*l-arrest tagħha kien wieħed illegali u konsegwentement arbitrarju ai termini tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u ai termini tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll jilledi d-drittijiet fundamentali tagħha għal ħarsien mill-projbizzjoni tat-tortura u trattament jew piena degradanti jew inumana hekk kif sanċiti fl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 3 tal-istess Konvenzjoni".*

15. Jirriżulta illi fis-17 ta' Diċembru 2020, ingħatat deċiżjoni mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), fejn il-Qorti sabet li ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti.

16. Jirriżulta illi, sussegwentement, ir-rikorrenti appellat minn tali deċiżjoni u, permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali deċiża fis-17 ta' Marzu 2021, il-Qorti sabet li kien hemm ksur u llikwidat id-danni morali sofferti mir-rikorrenti fis-somma ta' €1,000.

17. Il-Qorti Kostituzzjonali, waslet għal tali konklużjoni billi qalet is-segwenti:

*28. Huwa ċar illi l-konvenuti ma poġġew fis-seħħ l-ebda protokoll dwar kif għandhom isiru dawn il-proċeduri. Mill-provi rriżulta ċar illi l-eżamijiet invażivi li saru fuq l-appellanti seħħew biss għaliex l-ewwel tabib illi eżamina l-x-rays tagħha irraporta li seta' kien hemm xi dellijiet suspettużi fuqhom. It-tieni tabib li ra dawn l-x-rays imbagħad għamilha ċara illi dawn l-x-rays ma kienu joħolqu l-ebda raġuni valida sabiex isiru eżamijiet invażivi fuq l-appellanti. Pero` ma jidhirx illi hemm xi protokoll fis-seħħ illi jeħtieġ li tittieħed opinjoni oħra qabel ma jsiru eżamijiet invażivi fuq il-persuna. Huwa ċar illi, li kieku ġie kkonsultat tabib ieħor qabel ma saru dawn il-proċeduri invażivi fuq l-appellanti, hija ma kienx ikollha tissubixxi l-istess. Inoltre, lanqas ma jirriżulta illi l-uffiċjali li akkompanjaw lill-appellanti waqt din il-proċedura ngħataw taħriġ dwar kif għandha ssir din il-proċedura b'mod li jirrispetta d-dinjita tal-individwu partikolari u ma jżidx mal-umiljazzjoni li proċedura bħal dik diġa' ta' bilfors tinvolvi.*

*29. Fil-fehma ta' din il-Qorti, anke kieku kellu jiġi aċċettat illi l-fatt waħdu li l-appellanti ġiet kostretta tfittex hija stess fl-excrement taghha ma jlaħħaqx il-grad rikjest sabiex jitqies bħala trattament degradanti, meta kkombinat mal-fatt illi l-appellanti tħalliet maħmuġa u mneżża sakemm instab il-fardal u saret it-tfittxija, il-Qorti hija tal-fehma illi meħud dawn iċ-ċirkostanzi kollha in konsiderazzjoni, l-appellanti sofriet trattament degradanti. L-appellati kellhom id-dover illi kemm jista' jkun inaqqsu jew itaffu l-aspett imbarazzanti u umiljanti tal-proċeduri li għalihom ġiet sottoposta l-appellanti u jassiguraw li dawn isiru bl-aktar mod dinjituż possibli. Mill-provi jirriżulta ċar illi l-appellati m'għamlux dan u ssottoponew lill-appellanti għall-trattament degradanti, bi ksur ċar tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.*

*30. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ. Fir-rigward tar-rimedju xieraq, il-Qorti tqis illi l-appellanti għandha tirċievi mingħand l-appellati s-somma ta' elf ewro (€1,000) bħala kumpens għad-danni morali subiti minnha, u dan in vista tal-fatt illi l-proċeduri kollha saru bil-kunsens sħiħ tal-appellanti li saħansitra talbet hija stess li jsiru eżami mediċi fuqha sabiex turi l-innoċenza tagħha.*

18. Jirriżulta illi, fis-26 ta' Marzu 2021, anqas minn ġimgħatejn wara s-sentenza fuq imsemmija, ir-rikorrent nediet il-proċeduri odjerni kontra l-Avukat tal-Istat biex jiġi dikjarat illi t-trapass taż-żmien ta' l-ewwel Qorti, ossija il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), sabiex tingħata sentenza finali, kien jikkonsisti f'dewmien irraġonevoli sabiex jiġu konklużi proċeduri kostituzzjonali, liema dewmien wassal sabiex id-dritt fundamentali u kostituzzjonali tagħha taħt il-Kostituzzjoni, ossija Artikolu 39, u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, ossija Artikolu 6, ikunu leżi.

19. Jirriżulta ukoll illi r-rikorrenti talbet lill-Qorti odjerna sabiex tagħti rimedju effettiv, li jinkludu dwar l-ordnijiet u provvedimenti xierqa.

**Proċeduri quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali)**

20. Jirriżulta illi, fil-proċeduri odjerni, ir-rikorrenti kull ma għamlet hija talbet l-allegazzjoni tal-proċess intjier tal-kawża Rikors Ġuramentat 23/2015 '***Jennifer Koster vs Kummissarju tal-Pulizija***', liema atti proċesswali, kemm tal-istadju tal-Prim' Istanza kif ukoll tal-Appell, ġew debitament allegati, u ma ppreżentat ebda xhieda oħra, lanqas tagħha, u hi qatt ma dehret quddiem il-Qorti.

21. Jirriżulta illi hija qatt ma kkonfermat bil-ġurament il-kontenut tar-rikors promotur, peress illi fi proċeduri Kostituzzjonali, ma jenħtieġx li jiġi ppreżentat rikors ġuramentat, u wisq anqas ma qatt xehdet jew tat il-verżjoni tal-fatti da parte tagħha bil-ġurament – straħet biss fuq il-proċeduri li ġew intavolati u proċessati mill-konsulenti legali tagħha.

22. Jirriżulta, mill-atti tal-proċess tal-Prim Istanza, is-segwenti:

    a. Ir-rikorrenti ppreżentat il-kawża Kostituzzjonali oriġinali tagħha fis-27 ta' Frar 2015 u għaliha rrispondew il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali fis-16 ta' Marzu 2015.

    b. Jirriżulta illi fis-17 ta' Marzu 2015 saret l-ewwel seduta quddiem il-Qorti, fejn ġiet appuntata Assistent Ġudizzjarju sabiex tiġbor il-provi.

    c. Jirriżulta illi quddiem l-Assistant Ġudizzjarju saru ħamsa u għoxrin (25) seduta[1] fejn fi ħdax-il (11) seduta[2] ittellgħu jixhdu tlettax-il xhud in eżami u kontro eżami, f'seduta (1) oħra[3] x-xhud ma telax jixhed filwaqt illi fi **<u>tnax-il (12) seduta</u>** oħra, intalab differiment da parte tal-konsulenti legali tar-rikorrenti u għalhekk ma kien sar xejn.

    d. Jirriżulta illi fid-19 ta' Settembru 2017, l-atti ġew ritornati lill-Qorti filwaqt illi l-konsulenti legali tar-rikorrent ingħataw xahar żmien sabiex jippreżentaw s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub.

    e. Jirriżulta illi, fil-21 ta' Novembru 2017, hekk kif issejħet il-kawża quddiem il-Qorti, s-sottomissjonijiet tar-rikorrenti bil-miktub kienu għadhom ma ġewx ippreżentati, w s-seduta ġiet sussegwentement differita rispettivament għat-8 ta' Frar 2018, 27 ta' Marzu 2018 u 19 ta' April 2018 għall-preżentata tas-sottomissjonijiet rikorrenti bil-miktub, li baqgħu qatt ma ġew ippreżentati.

    f. Jirriżulta illi fit-8 ta' Mejju 2018 l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali ippreżenta s-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu w, sussegwentement, fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2018, aktar minn sitt xhur minn meta kellha tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha, ir-rikorrenti preżentat is-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha.

    g. Jirriżulta illi fit-28 ta' Ġunju 2018, il-kawża ġiet differita għas-sentenza u ġiet differita sbatax-il darba sakemm, eventwalment, fis-17 ta' Diċembru 2020, is-sentenza finali ngħatat.

23. Jirriżulta illi r-rikorrenti tilmenta illi in vista tal-fatt li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) damet sentejn u nofs sabiex tagħti d-deċiżjoni finali tagħha, id-

[1] 13/4/2015, 28/4/2015, 28/5/2015,30/6/2015, 16/9/2015, 16/10/2015, 16/11/2015, 8/1/2016, 11/2/2016, 21/3/2016, 21/4/2016, 20/5/2016, 20/6/2016, 12/9/2016, 26/9/2016, 26/10/2016, 15/12/2016, 12/1/2017, 24/1/2017, 2/3/2017, 11/4/2017, 6/6/2017, 7/7/2017, 14/7/2017, 19/9/2017
[2] 13/4/2015, 28/4/2015,28/5/2015, 16/9/2015, 16/10/2015, 11/2/2016, 21/3/2016, 21/4/2016, 15/12/2016, 24/1/2017, 2/3/2017
[3] 30/6/2016

dritt tagħha għal smigħ xieraq hu żmien raġonevoli, kif kontemplat fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ġie lilha leż.

24. Jirriżulta illi, dwar l-andament tal-proċess quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, bħala stadju tal-appell, ir-rikorrenti ma għandha ebda ilmenti xi tressaq, peress illi l-proċess fl-intjier tiegħu ġa ftit anqas minn tlett xhur.

25. Jirriżulta, għalhekk, illi l-ilment tar-rikorrenti huwa strettament dwar il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Prim' Istanza fejn, inter alia, t-talba tagħha kienet ġiet miċħuda wkoll.

**Konsiderazzjonijiet legali**

26. Il-Qorti tosserva illi, qabel ma tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-talba kif redatta mir-rikorrenti, ikun opportun illi jiġi kkunsidrat l-aspett legali tal-ksur ilmentat mir-rikorrenti.

27. Jirriżulta illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi, inter alia, illi:

> *(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi."*

28. Jirriżulta illi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mill-banda l-oħra, jipprovdi illi:

> *(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*

29. Jirriżulta illi wieħed mill-elementi ewlenin li jeħtieġ jiġi analizzat f'kawżi li jkunu qegħdin jitrattaw id-dewmien ta' proċeduri huwa jekk dak id-dewmien kienx wieħed raġonevoli jew le. Hawnhekk, il-Qorti tagħmel referenza għall-istudju bir-reqqa li għamlet il-Prim' Awla, fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħha, per Imħallef Toni Abela, fil-kawża ta' **Anthony Mario Vella** deċiża fis-16 ta' Settembru 2021, illi għalkemm il-meritu mhux ikkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali, kienet għamlet studju ferm interessanti u dettaljat dwar il-ħames kriterji illi għandhom jitqiesu mill-Qorti hija w tqis dwar jekk kienx hemm raġonevolezza jew le fid-dewmien, liema sentenza timmerita li tiġi rapportata fid-dettall. Dik il-Qorti qalet hekk:

> *16. Kif ġie kemm il-darba affermat, ir-raġonevolezza taż-żmien meħud fis-smigħ ta' kawża għandu jiġi determinat f'kull każ speċifiku fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tiegħu "magħdudin flimkien b'effett kumulattiv" u globali (Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar 2016; (Frydlender v. France [GC], § 43); Obermeier v. Austria, § 72; Comingersoll S.A. v. Portugal [GC], § 23; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 214).*

*17. Tabilħaqq il-proċeduri kollha għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni (König v. Germany, § 98 in fine). Ċertu tul fi stadji differenti tal-proċeduri jista', fih innifsu, ma jitqiesx bħala irraġonevoli. Iżda meta meqjus komplessivament u b'mod kumulattiv, jista' jirriżulta in eċċess tar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Deumeland v. Germany, § 90; Satakunnan Markkinapörssi Oy and Satamedia Oy v. Finland [GC], §§ 210-11). Dewmien fi stadju partikulari tal-proċeduri jista' jkun permissibli sakemm it-tul kollu tal-proċedimenti ma jkunx eċċessiv (Pretto and Others v. Italy, § 37).*

*18. Ġie stabbilit li dan ir-rekwiżit ta' żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni m'għandux jimmina l-prinċipju ġenerali tal-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja, wkoll stabbilit b'dan l-artikolu. Għandu għalhekk jintlaħaq bilanċ ġust bejn id-diversi aspetti varji ta' dan ir-rekwiżit fundamentali (Boddaert v. Belgium ċitata supra § 39; ara wkoll Raymond Bonnici et vs Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 2 ta' Marzu 2015, para 27).*

*19. Sabiex jiġi żgurat dan il-bilanċ, fil-kejl tagħha tar-raġonevolezza taż-żmien il-Qorti Ewropea, u bl-istess mod il-Qrati tagħna, konsistentement qieset iċ-ċirkostanzi individwali u partikolari tal-każ fid-dawl ta' erba' kriterji ġenerali (ara fost ħafna oħrajn Kurzac v. Poland § 30; Comingersoll S.A. v. Portugal [GC]; Frydlender v. France [GC], § 43; Sürmeli v. Germany [GC], § 128; Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 143; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 209). Dawn huma:*

*(i) il-kumplessità tal-każ;*
*(ii) il-kondotta tal-parti li qed tilmenta;*
*(iii) il-kondotta tal-awtorijiet kompetenti, jiġifieri l-azzjonijiet tal-qorti in kwistjoni u tal-awtoritajiet governattivi oħra involuti fil-proċess;*
*(iv) l-importanza tal-każ għall-attur;*

*<u>Il-Kumplessitá tal-każ</u>*

*20. Il-kumplessitá tal-każ tista' tinsorġi kemm minħabba kwistjoniijiet fattwali u proċedurali kif ukoll minħabba kwistjonijiet legali (Katte Klitsche de la Grange v. Italy, § 55; Papachelas v. Greece [GC], § 39). Każ jitqies fattwalment u/jew proċeduralment kumpless meta jinvolvi numru kbir ta' partijiet (H. v. the United Kingdom, § 72) jew il-produzzjoni ta' volum kbir ta' provi u/jew numru kbir ta' smigħ ta' xhieda (Humen v. Poland [GC], § 63) jew ikun jenħtieġ numru kbir ta' rapporti peritali (Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC] (§ 210). Każ jitqies legalment kumpless minħabba nuqqas ta' preċedent fuq livell nazzjonali, jew il-ħtieġa li tintalab deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewopea (QtĠ) dwar kwistjonijiet relatati mal-interpretazzjoni tal-liġi Ewropea (Satakunnan Markkinapörssi Oy and Satamedia Oy v. Finland [GC], § 212). Ġie stabbilit ukoll li anki jekk il-każ fih nnifsu ma jkunx partikolarment kumpless, in-nuqqas ta' kjarezza u prevedibbiltá fil-liġi jista' wkoll jagħmel l-eżami diffiċli u deċiżivament*

*jikkontribwixxi għad-dewmien tal-proċeduri (Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 150).*

*21. Il-QEBD irrikonoxxiet li każijiet kumplessi jenħtieġu aktar żmien biex jiġu konklużi (Tierce v. San Marino § 31). Hija madanakollu stqarret li l-kumplessitá fiha nnifisha mhux neċessarjament tiġġustifika proċedimenti twal li xorta jistgħu jwasslu għal vjolazzjoni tar-rekwiżit taż-żmien raġjonevoli (Matoń vs Poland, QEBD, 9 ta' Ġunju 2009, §30; Rutkowski and Others v. Poland, QEBD, 7 ta' Lulju 2015, § 137). Difatti fil-każ Cipolletta v. Italy il-QEBD, għalkemm għarfet il-kumplessitá ta' proċeduri ta' insolvenza, sabet li tul ta' madwar ħamsa u għoxrin sena u sitt xhur ma jissodisfax ir-rekwiżit ta' "żmien raġonevoli" (ara §44). Tabilħaqq il-kumplessitá waħidha tal-każ ma twassalx sabiex kwalunkwe dewmien jitqies bħala raġonevoli (Ferrantelli u Santangelo vs Italy, QEBD, 7 ta' Awwissu 1996, § 42).*

*<u>Il-kondotta tal-parti li qed tilmenta</u>*

*22. Il-QEBD tikkonsidra li l-persuna konċernata hija meħtieġa biss li turi diliġenza fit-twettiq tal-każ tagħha, li żżomm lura milli tuża tattiċi ta' dewmien u li tużufruwixxi ruħha mill-azzjonijiet disponibbli fil-liġi domestika għat-tqassir tal-proċeduri. Iżda ma hija taħt l-ebda dmir li tieħu azzjoni li ma hiex adattata għal dak il-għan (Unión Alimentaria Sanders SA vs Spain, QEBD, 7 ta' Lulju 1989, § 35).*

*23. L-Artikolu 6§1 ma jeħtieġx li l-parti li qed tilmenta tikkopera b'mod attiv ma' l-awtoritajiet ġudizzjarji biex tħaffef il-proċeduri. Lanqas ma titqies responsabbli għad-dewmien fejn tkun għamlet użu sħiħ mir-rimedji domestiċi disponibbli għaliha (Erkner and Hofauer v. Austria § 68) jew minħabba l-konsegwenzi marbuta mal-kundizzjoni medika tagħha (Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 211). Ġie stabbilit iżda li tali kondotta, għalkemm ma titfax ħtija fuq l-parti konċernata għad-dewmien kawżat, "għandha jkollha relevanza għal-likwidazzjoni tal-kumpens lilhom dovut" (Iris Cassar et vs. Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Marzu 2015).*

*24. L-awtoritajiet nazzjonali min-naħa tagħhom lanqas ma jistgħu jinżammu responsabbli għal dewmien ikkawżat b'riżultat ta' dan l-aġir (Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 211). Tabilħaqq, il-kondotta tal-parti li qed tilmenta għandha tiġi kkunsidrata fid-determinazzjoni tar-rekwiżit taż-żmien raġjonevoli impost fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għaliex tikkostitwixxi fatt oġġettiv li l-istat m'għandux kontroll fuqha u li għalhekk ma jistax jiġi attribwit lilu (Poiss v. Austria § 57; Wiesinger vs Austria § 57; Humen v. Poland [GC], § 66).*

*25. Iżda kif ritenut, "filwaqt li l-Istat ma jaħtix ta' ksur ta' d-dritt għal smigħ xieraq minħabba l-għamil jew dewmien imnissel mill-parti li kontra tagħha l-applikant iressaq proċeduri ċivili, jew minħabba n-nuqqas ta' tħabrik minn avukat maħtur għall-applikant ukoll jekk bil-benefiċċju tal-għajnuna legali, "in non-criminal cases, States have been held responsible for delays in civil and administrative courts in performing routine registry tasks, in the conduct of the hearing by the court... and for delays caused by lack of co-ordination*

*between administrative authorities" (Harris, O'Boyle & Warbrick Op. cit., paġ. 225)" (Nicholas Debono et vs Reġistratur Prinċipali tal-Qrati tal-Ġustizzja et, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 29 ta' April 2003);*

*26. Ġie fil-fatt stabbilit li l-istat ma jistax jinqeda bl-imġieba tal-applikant sabiex jiġġustifika perjodi ta' inattivitá. Huwa meħtieġ għalhekk li l-kondotta tal-qrati f'dan ir-rigward tiġi analizzata. Dan jiġifieri li jiġu eżaminati l-azzjonijiet u l-miżuri li ħadu l-Qrati sabiex iħeġġu l-partijiet fil-proċeduri iwettqu b'mod attiv id-dmirijiet proċedurali tagħhom. Il-QEBD irriteniet f'iktar minn okkażjoni waħda li l-Qrati domestiċi ma jistgħux jibqgħu indifferenti għall-abbuż mill-partijiet tad-drittijiet proċedurali u dewmien persistenti fil-proċeduri: l-attitudni tal-partijiet ma teżonerax lill-Qrati mid-dmir tagħhom li jiżguraw is-smigħ xieraq tal-proċess ġudizzjarju għeluq żmien raġonevoli impost fl-artikolu 6 § 1 (Pafitis and Others v. Greece § 93; Tierce v. San Marino § 31; Sürmeli v. Germany [GC] § 129; Guincho v. Portugal §32; Buchholz v. Germany §50; Capuano v. Italy §§24-25; Baraona v. Portugal §48; Martins Moreira v. Portugal §46; Neves e Silva v. Portugal §43; Union Alimentaria Sanders S.A. v. Spain §§34; Vernillo v. France §30; Scopelliti v. Italy §25; Ciricosta and Viola v. Italy §30; Mincheva v. Bulgaria § 68) (ara t-tielet kriterju aktar l-isfel).*

*27. Eżempji li jikkonċernaw il-kondotta tal-parti li qed tilmenta jinkludu s-segwenti:*

*a. nuqqas ta' ħeġġa mill-partijiet biex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom. Dan in-nuqqas ġie meqjus bħala kontributur deċiżiv għad-dewmien fil-proċeduri (Vernillo v. France, § 34);*

*b. bidliet frekwenti u ripetuti tal-avukat difensur (König v. Germany, §103);*

*c. talbiet jew omissjonijiet li jħallu impatt fuq it-tmexxija tal-proċeduri (Acquaviva v. France § 61);*

*d. nuqqas ta' diliġenza fil-passi proċedurali meħuda (Keaney v. Ireland, § 95);*

*e. tentattivi biex tiġi żgurata transazzjoni tal-kawża barra l-Qorti (out-of-court settlement) (Pizzetti v. Italy, § 18; Laino v. Italy [GC], § 22);*

*f. proċeduri istitwiti erronjament quddiem qorti nieqsa mill-ġurisdizzjoni (Beaumartin v. France, § 33);*

*g. litigazzjoni kontenzjuża esternata bil-preżentata ta' għadd konsiderevoli ta' rikorsi bi pretensjonijiet addizzjonali (Pereira da Silva v. Portugal, §§ 76-79).*

*Il-kondotta tal-awtoritajiet kompetenti*

*28. L-istat huwa responsabbli għall-awtoritajiet kollha tiegħu: mhux biss għall-organi ġudizzjarji, iżda għall-istituzzjonijiet pubbliċi kollha (Martins Moreira v. Portugal, § 60). Dewmien attribwibbli lill-Istat biss jiġġustifika sejbien ta' vjolazzjoni tal-artikolu 6 § 1 minħabba nuqqas ta' konformitá mar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli (Buchholz v. Germany §49; Papageorgiou v. Greece § 40; Humen v. Poland [GC], § 66).*

*29. Kif sewwa rriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża John Bugeja vs L-Avukat Ġenerali et, 11 ta' Awwissu 2003, "d-dritt fundamentali ta' l-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa u finalizzata egħluq iż-żmien raġonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-seħħ sistema effiċjenti t'amministrazzjoni tal-ġustizzja. Il-ġudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema tagħna, huma ż-żewġ kolonni l-oħra ta' l-istat, ċioe` l-eżekuttiv u l-leġislattiv, li għandhom obbligu li jipprovdu r-riżorsi, l-istrutturi u l-għodod l-oħra kollha neċessarji biex il-Qrati jkunu f'pożizzjoni li jwettqu l-ġustizzja fi żmien raġonevoli.*

*Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem għallmet li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni: ".... imposes on the Contracting States the duty to organise their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision Salesi vs Italy (26/02/1993). It wishes to reaffirm the importance of administerting justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility Katte Klitsche de la Grange vs Italy (27/10/1994) – (ara A.P. vs Italy 28/07/1999 Application 35265/97 – para. 18)." (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti) (ara wkoll Von Maltzan and Others v. Germany (dec.) [GC], § 132).*

*30. Ġie madanakollu stabbilit li "Dewmien li jista' jiġi attribwit għall-istat jeħtieġ li jitqies (QEDB, Buchholz vs Germany paragrafu 49. Ara wkoll QEDB, Yagtzilar u oħrajn vs Il-Greċja, Nru 41727/98, is-6 ta' Diċembru 2001), iżda l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà għandha tkun ikkunsidrata bir-reqqa. Pereżempju, dewmien fil-proċedimenti li jirriżulta mir-riferiment ta' mistoqsija lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni preliminari mhuwiex ħtija tal-istat (QEDB, Pafitis u oħrajn vs Il-Greċja, Nru 20323/92, 26 ta' Frar 1998, paragrafu 95). Madankollu, ir-responsabbiltà ewlenija għall-preparament ta' każ u għat-tmexxija mgħaġġla tas-smigħ tal-kawża taqa' taħt l-imħallef (QEDB, Capuano vs L-Italja, Nru 9381/81, 25 ta' Ġunju 1987, paragrafi 30-31). [Difatti ġie stabbilit li r-responabbilitá ta' dewmien kaġunat minn differimenti ħabba nuqqas ta' attendenza tal-persuni rilevanti (bħal xhieda, ko-akkużati u rappreżentanti legali) taqa' fuq il-Qrati nazzjonali (Tychko v. Russja, § 68; ara wkoll Andrew Ellul Sullivan et vs L-Avukat Ġenerali tar-Repubblika et, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Ġunju 2008). Ġie stabbilit ukoll, kif ġia ingħad fil-kunsiderazzjoni tal-kriterju preċedenti, li l-attitudni passiva tal-partijiet ma jeħlisx lil Qrati mill-obbligu li jiżguraw is-smigħ tal-proċess ġudizzjarju għeluq żmien raġonevoli kif rikjest fl-artikolu 6 § 1 (ara sentenzi ġia ċitati supra). L-istess huwa l-każ għad-dewmin kawżat mill-ħtieġa ta' perizja teknika: "minkejja l-apatija tal-partijiet infushom u tal-bosta periti li ġew maħtura tul is-snin f'dawn il-kawżi, kien il-poter-dover tal-Qorti illi tiżgura li tali dewmien ma jiġix permess. Kif spiss saħqu l-qrati*

*tagħna, fl-aħħar mill-aħħar id-dmir jibqa' tal-Qorti li ma tippermetti lil ħadd mill-partijiet, inklużi d-difensuri, li jabbużaw mill-proċess ġudizzjarju u fl-istess waqt tiżgura li l-periti ġudizzjarji jaqdu dmirijiethom fi żmien raġġonevoli mingħajr il-ħtieġa li toqgħod tistenna lill-partijiet biex jattirawlha l-attenzjoni (PA Joseph Gatt et v. L-intimat, 29/07/2013 [deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2014)" (Zakkarija Calleja vs. Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 29 ta' Lulju 2013; ara wkoll Capuano v. Italy §§ 30-31; Versini v. France § 29; Sürmeli v. Germany [GC], § 129)]. Il-QEDB sabet li bidliet ripetuti tal-Imħallef "ma jistgħux jeżoneraw l-Istat, li huwa responsabbli sabiex jiżgura li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tkun organizzata sew" (QEDB, Lechner u Hess vs L-Awstrija, Nru 9316/81, 23 ta' April 1987, paragrafu 58). Bl-istess mod, "tagħbija żejda kronika" ta' każijiet ma tiġġustifikax proċedimenti eċċessivament twal (QEDB, Probstmeier vs Il-Ġermanja, Nru 20950/92, 1 ta' Lulju 1997, paragrafu 64). L-istat huwa responsabbli għall-awtoritajiet tal-istat kollha – mhux biss il-qrati (498 QEDB, Martins Moreira vs Il-Portugall, Nru 11371/85, 26 ta' Ottubru 1988, paragrafu 60.) [Ladarba huwa fuq l-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi legali tagħhom b'tali mod li jiggarantixxu d-dritt għal deċiżjoni finali fi żmien raġonevoli, l-eżistenza ta' ammont eċċessiv ta' xogħol ma jistax jittieħed in konsiderazzjoni (Vocaturo v. Italy § 17, Cappello v. Italy § 17)]... [Madanakollu,] Xogħol tal-qorti pendenti temporanju ma jiskattax ir-responabbiltà tal-istat jekk jieħu azzjoni korrettiva immedjata, xierqa sabiex tipprova tirrisolvi l-problema (QEDB, Probstmeier vs Il-Ġermanja, Nru 20950/92, 1 ta' Lulju 1997, paragrafu 64) [ara wkoll Buchholz v. Germany § 51]. Sabiex jiġi megħlub l-ammont ta' xogħol pendenti, l-Istati jistgħu jadottaw miżuri provviżorji, bħall-għażla li jindirizzaw il-kawżi f'ordni partikolari (Milasi vs L-Italja, Nru 10527/83, il-25 ta' Ġunju 1987, paragrafu 18). [Eżempju ta' dan huwa meta jiġu indirizzati l-kawżi skont il-prioritá, l-urġenza u l-importanza tagħhom, b'mod partikolari x'ikun hemm involut għal persuni konċernati.] 21 Madankollu, jekk dawn l-azzjonijiet temporanji jonqsu milli jaħdmu, l-Istati jridu jadottaw miżuri iżjed effettivi sabiex tiġi indirizzata l-problema (QEDB, Zimmermann u Steiner vs L-Isvizzera, Nru 8737/79, 13 ta' Lulju 1983, paragrafu29) [ara wkoll Guincho v. Portugal § 40]. L-Istati għandhom ifittxu modi sabiex jiġu żgurati li s-sistemi ġudizzjarji tagħhom ma joħolqux dewmien fil-proċedimenti." (Manwal dwar id-dritt tal-Unjoni relatat mal-aċċess għall ġustizzja, paġna 150-151; parenteżi ta' din il-Qorti).*

*31. Tabilħaqq, il-fatt li tali sitwazzjonijiet ta' backlog saru komuni, ma jistgħax jiġġustifika t-tul eċċessiv tal-proċeduri (Unión Alimentaria Sanders S.A. v. Spain § 40). Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' riforma mmirata biex tħaffef id-determinazzjoni tal-każijiet lanqas ma jista' jiġġustifika dewmien għaliex l-Istat xorta jkun qiegħed jonqos mid-dover tiegħu li jorganizza d-dħul fis-seħħ u l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri b'mod li jevitaw dan id-dewmien f'kawżi pendenti (Fisanotti v. Italy § 22). F'dak ir-rigward, l-adegwatezza jew le tar-rimedju domestiċi introdotti min Stat Membru biex jipprevjeni jew jipprovdi rimedju għall-problema ta' proċeduri eċċessivament twal għandhom jiġu vvalutati fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti mill-Qorti (Scordino v. Italy (no. 1) [GC], §§ 178 et seq. and 223).*

*32. L-istat inżamm ukoll responsabbli għan-nuqqas ta' konformitá mar-rekwiżit ta' żmien raġonevoli f'dawn il-każijiet:*

*a. fejn kien ammont eċċessiv ta' attivitá ġudizzjarja li ffokat biss fuq l-istat mentali tal-applikant għal aktar min disa' snin (Bock v. Germany § 47);*

*b. Strajk minn membri tal-Kamra tal-Avukati. Għalkemm minnu nnifsu dan ma rrendix Stat Membru responsabbli għar-rigward tar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli, l-isforzi magħmula mill-Istat biex inaqqas kwalunkwe dewmien riżultanti minn dan l-istrike ġew kkunsidrati sabiex jiġi determinat jew dan ir-rekwiżit ġiex osservat (Papageorgiou v. Greece § 47).*

*c. Għalkemm ma hijiex il-funzjoni tal-Qorti li tanalizza l-mod li bih il-qrati nazzjonali nterpretaw u applikaw il-liġi domestika, ġie meqjus li t-tħassir min qrati superjuri ta' deċiżjonijiet ta' qrati inferjuri u r-rinviju tal-każ lura lilhom huwa ġeneralment dovut għall-iżbalji mwettqa mill-istess qrati inferjuri. Ir-ripetizzjoni ta' sentenzi konsegwenza ta' dawn l-iżbalji tindika nuqqas fis-sistema ġudizzjarja (Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 147).*

*33. Jista' jirriżulta minn eżami komplessiv tal-proċeduri kollha li, l-awtoritajiet nazzjonali, għalkemm ikunu tqiesu responsabbli għal ċerti difetti proċedurali li kkawżaw dewmien fil-proċedimenti, jkunu xorta kkonformaw mad-dmir tagħhom li jisimgħu il-każ egħluq iż-żmien raġonevoli skont l-Artikolu 6 (Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 211).*

*34. Il-kondotta ta' Qorti Kostituzzjonali wkoll tiġi eżaminata billi, kif ġia ingħad, hija wkoll marbuta bl-obbligu mpost fl-artikolu 6§1, għalkemm b'interpretazzjoni differenti. Għal eżempju ta' proċeduri irraġonevolment twal quddiem qorti kostituzzjonali, ara s-sentenza Project-Trade d.o.o. v. Croatia, §§ 101-102.*

*<u>X'hemm involut għall-persuna li qed tilmenta</u>*

*35. Ċerti fatturi partikolari li jinvolvu lill-applikant jistgħu jenħtieġu l-applikazzjoni ta' standards iktar rigorużi biex jiġi assigurat li l-proċeduri jingħataw prijoritá, jiġu trattati b'urġenza u ndirizzati b'iżjed ħeffa.*

*36. Għandu għalhekk jitqies jekk l-awtoritajiet applikawx din id-diliġenza speċjali fil-konsiderazzjoni tar-raġonevolezza tat-tul tal-proċeduri (Abdoella v. the Netherlands ċitata supra § 24; Starokadomskiy v. Russia (no. 2), 13 ta' Marzu 2014, §§ 70-71).*

*37. Każijiet fejn ġie stabbilit li kellu jiġi applikat diliġenza speċjali minħabba dak li kien hemm involut għal persuna li qed tilmenta jinkludu s-segwenti:*

*1. fejn l-applikant huwa afflit b'mard ta' theddid għal ħajja u/jew etá avvanzata (X vs France §§ 45 u 47; Pailot v. France § 68; A. and Others v. Denmark §§ 78-81);*

*2. każijiet li jikkonċernaw it-tfal bħal kustodja (Hokkanen vs Finland § 72; Niederböster v. Germany § 39) jew rimozzjoni illeċta ta' minuri 24 minħabba li d-dewmien jista' effettivament jiddetermina l-eżitu tal-każ (Hoholm vs Slovakia § 51). Dan speċjalment fejn it-trapass ta' żmien jikkaġuna konsegwenzi irriversibli fir-relazzjoni bejn il-ġenitur u l-wild (Tsikakis v. Germany §§ 64 and 68). Każijiet li jikkonċernaw ir-responsabbilitá tal-ġenituri u d-drittijiet ta' aċċess ukoll jitolbu spedizzjoni partikolari (Paulsen-Medalen and Svensson v. Sweden § 39; Laino v. Italy [GC] § 22).*

*3. kawżi li jikkonċernaw tilwim relatat ma' pensjonijiet (Borgese v. Italy § 18)), inkluż pensjoni ta' disabilitá (Mocié v. France § 22) jew ma' mpjieg (Vocaturo vs Italy § 17; Bauer vs Slovenia §19; Ruotolo v. Italy § 17; u Frydlender v. France [GC] § 45) – bħal jekk il-kwistjoni involuta tirrigwarda aċċess għal professjoni liberali (Thlimmenos v. Greece [GC] §§ 60 u 62), l-għajxien professjonali kollu tal-applikant (König v. Germany § 111), il-kontinwazzjoni tal-okkupazzjoni tal-applikant (Garcia v. France § 14), appell kontra tkeċċija (Buchholz v. Germany § 52; Frydlender v. France [GC] § 45), is-sospensjoni tal-applikant (Obermeier v. Austria § 72), transfers (Sartory v. France § 34) jew reinstatements (Ruotolo v. Italy § 117), jew fejn l-ammont mitlub huwa ta' importanza vitali għall-applikant (Doustaly v. France § 48).*

*4. kawżi li jikkonċernaw stat ċivili, bħal dawk għal dikjarazzjoni jew ċaħda ta' paternitá (Mikulić vs Croatia § 44; Bock v. Germany § 49; Laino v. Italy [GC] § 18).*

*5. Ilmenti mressqa minn individwi li jallegaw li ġew soġġetti għal vjolenza minn uffiċjali tal-pulizija (Caloc v. France § 120).*

*6. Azzjonjiet ta' danni riżultanti minn ħsara fiżika fuq persuna ta' etá avvanzata (Codarcea v. Romania § 89).*

*7. Azzjoni rigwardanti l-ħarsien tad-dritt tal-edukazzjoni (Oršuš and Others v. Croatia [GC] § 109).*

*38. Minn naħa l-oħra ġie stabbilit li ma kinetx meħtieġa diliġenza speċjali f'proċeduri għad-danni mġarrba konsegwenza ta' inċident tat-traffiku (Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 213).*

*Meta issir valutazzjoni globali u ġenerali*

*39. Ġie stabbilit li meta, wara analiżi ta' kull wieħed mill-erba' kriterji deskritti hawn fuq, jibqa' impossibbli li jiġi konkluż jekk iż-żmien raġonevoli ta' proċedimenti kienx osservat f'każ speċifiku, jista' jiġi applikat kriterju addizzjonali. Dan huwa l-evalwazzjoni globali tat-tul kollu tal-proċedimenti fil-każ tenut kont tal-kriterji kollha eżaminati (Obermeier v. Austria § 72; Manzoni v. Italy § 18; Laghouati and Others v. Luxembourg § 33);*

*40. Ġie stabbilit ulterjorment li f'każ li l-kriterji għal valutazzjoni tar-raġonevolezza taż-żmien fi proċeduri ċivili jkunu intimament relatati, il-Qorti tagħmel ukoll valutazzjoni ġenerali (Konig v. the Federal Republic of Germany (merits) §§105 and 111; Buchholz v. the Federal Republic of 26 Germany §63; Zimmermann and Steiner v. Switzerland §32; Pretto and others v. Italy §37; Guincho v. Portugal §41);*

*41. Għalhekk, l-imġieba tal-partijiet tista' żżid il-kumplessitá tal-proċeduri filwaqt li s-sinjifikat tal-eżitu għall-applikant jimmerita diliġenza speċjali eżerċitata mill-awtoritajiet. F'xi każijiet ċertu dewmien sostanzjali ġie perċepit bħala normali. Madankollu fil-valutazzjoni ġenerali tagħha l-Qorti sabet ksur taż-żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 § 1 meta ħadet in konsiderazzjoni is-segwenti:*

> *a. It-tul tal-proċedimenti, meqjus fih innifsu u b'mod ġenerali, speċjalment jekk il-Gvern konvenut ma pprovda l-ebda spjegazzjoni (Obermeier v. Austria §72 Editions; Periscope v. France §44; Messina v. Italy §28; Darnell v. the United Kingdom §21; Allenet de Ribemont v. France §57);*
>
> *b. L-istat konċernat jirrikonoxxi li huwa fit-tort (Darnell v. the United Kingdom §20);*
>
> *c. Eżitu tal-proċedimenti, għallinqas fil-każ ta' out-of-court settlement (Cormio v. Italy §§16-17);*
>
> *d. Il-proporzjon tat-tul kollu tal-proċedimenti tal-każ man-numru tal-istanzi tal-qrati li quddiemhom il-każ ġie mistħarreġ (Cesarini v. Italy §20 (tliet istanzi); Salerno v. Italy §21 (tliet istanzi); Abdoella v. the Netherlands §22 (ħames istanzi); Olsson v. Sweden (No. 2) §§105 and 106 (tliet istanzi); Raimondo v. Italy §44 (żewġ istanzi) Vendittelli v. Italy §29; Hokkanen v. Finland §72 (tliet istanzi);*
>
> *e. Dewmien riżultanti min difetti proċedurali minkejja li l-awtoritajiet nazzjonali setgħu baqgħu attivi matul il-proċeduri kollha (Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 213);*
>
> *f. Ġie wkoll stabbilit bħala mhux aċċettabli proċeduri milquta b'perjodi twal ta' staġnar bla ma tiġi mogħtija ebda spjegazzjoni (Beaumartin v. France, § 33).*

*42. L-istudju mis-CEPEJ dwar id-dewmien tal-proċeduri kif ibbażata fuq il-ġurisprudenza tal-QEBD jagħtu linji gwida fuq dan ir-rekwiżit ta' żmien raġonevoli.*

*43. Ġie ritenut li, fil-prinċipju, sena għal kull istanza tal-qorti tista' titqies bħala żmien raġonevoli (Obasa v. the United Kingdom § 35). Anke sena u nofs ġie meqjus bħala żmien raġonevoli (Satakunnan Markkinaporssi Oy and Satamedia Oy v. Finland § 88). Id-durata taż-żmien sa sentejn għal kull stadju ta' ġurisdizzjoni f'każijiet mhux kumplessi ġeneralment tqiesu bħala raġonevoli. Fejn il-proċeduri damu iktar min sentejn, il-QEBD teżamina l-każ*

> *bi skrutinju sabiex tiddetermina jekk kienx hemm raġunijiet oġġettivi għal dan id-dewmien, bħal kumplessita tal-każ jew jekk l-awtoritajiet nazzjonali wrewx diliġenza fil-proċedimenti. F'każijiet kumplessi, il-QEBD tippermetti żmien itwal, iżda tagħti attenzjoni speċjali għal perjodi ta' inattivitá li huma b'mod ċar eċċessivi. L-itwal ħin aċċettat mill-Qorti huwa mandankollu rarament aktar minn ħames snin u kważi qatt aktar minn tmien snien ta' dewmien. Fil-każijiet meqjusa bħala ta' prijoritá li fihom kwistjoni partikolari hija f'riskju, il-Qorti ddevjat mill-pożizzjoni ġenerali, u sabet ksur anke jekk il-każ dam inqas min sentejn f'kull stadju tal-proċeduri. Dan bħal fil-każ fejn l-istat ta' saħħa tal-applikant hija kritika jew fejn id-dewmien jista' jkollu konsegwenzi irreparabbli għall applikant. L-uniċi każijiet li fihom il-Qorti ma sabitx ksur minkejja t-tul manifestamet eċċessiv tal-proċeduri kienu każijiet fejn l-imġieba ta' l-applikant kienet fattur ewlieni (European Commission for the Efficiency of Justice (CEPEJ): Length of court proceedings in the member states of the Council of Europe based on the case law of the European Court of Human Rights(CEPEJ(2018)26).*

30. Il-Qorti tqis illi, kkunsidrat l-istħarriġ ben espress w ir-riċerka legali tant kompluta magħmula mill-Qorti fuq ċitata, ftit li xejn għandha żżid dina l-Qorti mal-osservazzjonijiet illi saru u, mingħajr eżitazzjoni, tagħmel tagħha tali osservazzjonijiet u konklużjonijiet.

**Kunsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti.**

31. Kif jirriżulta minn qari tal-atti tal-kawża Rik Nru 23/15 mibdija mir-rikorrenti fis-27 ta' Frar 2015, il-lanjanza Kostituzzjonali illi kellha r-rikorrenti meta ntavolat dik il-kawża kien li, waqt li kienet arrestata mill-Pulizija għal ċirka sittax-il siegħa, sarilha tfittix intensiv fuqha, inkluż anke eżaminazzjoni f'partijiet intimi taghha, liema aġir kien wieħed umiljanti, imbarazzanti, degradanti u inuman u għalhekk ġew lilha leżi d-drittijiet fundamentali kif sanċiti fl-Artikolu 34 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 3 u 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

32. Jirriżulta illi l-lanjanza Kostituzzjonali ħadet ħames snin u nofs sabiex tiġi deċiża finalment mill-Qorti tal-Prim' Istanza, fejn eventwalment il-lanjanza ġiet miċħuda, u, sussegwentement, wara appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, ġiet eventwalment milquha fi żmien tlett xhur.

33. Jirriżulta illi, permezz tal-azzjoni odjerna, hija qiegħda tilmenta li l-fatt li l-lanjanza kostituzzjonali tagħha ħadet ħafna żmien sabiex tiġi deċiża finalment, tali trapass u dewmien irraġonevoli kien jilledi d-dritt tagħha għal smigħ xieraq kif sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

34. Minn eżami tas-seduti miżmuma, kemm quddiem il-Qorti tal-Prim' Istanza, kif ukoll quddiem l-Assistenta Ġudizzjarja appuntata minn dik il-Qorti sabiex tisma' x-xhieda, jirriżulta s-segwenti;

    a. fl-istadju tal-ġbir tax-xhieda tagħha li beda fit-13 ta' April 2015, bejn l-20 ta' Mejju 2016 u is-26 ta' Ottubru 2016, ossija medda ta' **<u>ħames xhur</u>**, saru ħames seduti fejn ir-rikorrenti ma għamlet xejn għajr illi titlob differiment biex

tirregola ruħha, u fl-aħħar, fis-26 ta' Ottubru 2016, għarrfet illi ma kellhiex aktar provi;

b. fl-istadju tal-ġbir tal-provi intimati, wara li dawn ingħalqu fl-4 ta' April 2017, saru erbgħa seduti oħra, fuq medda ta' **<u>ħames xhur</u>**, fejn ir-rikorrenti talbet differiment sabiex tirregola ruħha – kien biss fid-19 ta' Settembru 2017, fl-assenza tal-konsulent legali tar-rikorrenti, illi l-atti intbagħtu lura lill-Qorti sabiex tkun tista' tgħaddi għas-sentenza.

c. fl-istadju tas-sottomissjonijiet, bejn id-19 ta' Settembru 2017 u d-19 ta' April 2018, kien hemm erbgħa seduti sabiex ir-rikorrenti tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub, liema sottomissjonijiet baqgħu qatt ma ġew sottomessi, u kien biss fit-22 ta' Mejju 2018, ossija **tmien xhur** wara li r-rikorrenti kienet awtorizzata tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha, illi dawna ġew attwalment ippreżentati.

35. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi minkejja li l-kawża innifisha ġiet differita għas-sentenza fit-28 ta' Ġunju 2018, qabel dakinhar, kien hemm ta' l-anqas **tmintax-il xahar** fejn ir-rikorrenti naqset milli tagħmel dak minnha meħtieġ sabiex il-kawża timxi 'l quddiem, bir-riżultat illi l-kawża setgħet titħalla għal sentenza ferm qabel id-data fuq indikata.

36. Jirriżulta wkoll, illi fit-28 ta' Ġunju 2018, il-kawża ġiet differita għas-sentenza, iżda kien biss fis-17 ta' Diċembru 2020, aktar minn **tletin (30) xahar wara** li tħalliet għas-sentenza, u wara sittax-il differiment sabiex tingħata tali deċiżjoni, li finalment il-kawża odjerna ġiet deċiża.

37. Tali dewmien, kemm da parte tal-konsulenti legali tar-rikorrenti u anke tal-Qorti, eventwalment wasslu sabiex lanjanza kostituzzjonali mressqa mir-rikorrenti fis-27 ta' Frar 2015 ġiet deċiża finalment mill-Qorti tal-Prim' Istanza fis-17 ta' Diċembru 2020, ossija aktar minn ħames snin u nofs wara.

38. Il-Qorti hawnhekk tqis illi hija għandha teżamina l-ħames elementi fuq imsemmija sabiex jiġi evalwat jekk id-dritt ta' smigħ fi żmien raġonevoli ġietx leża jew le, ossija s-segwenti:

a. il-kumplessità tal-każ;
b. il-kondotta tal-parti li qed tilmenta;
c. il-kondotta tal-awtorijiet kompetenti, jiġifieri l-azzjonijiet tal-qorti in kwistjoni u tal-awtoritajiet governattivi oħra involuti fil-proċess;
d. l-importanza tal-każ għall-attur;
e. l-evalwazzjoni globali tat-tul kollu tal-proċedimenti.

39. Dwar <u>il-kumplessita' tal-każ</u>, jirriżulta illi quddiem l-Assistent Ġudizzjarju xehdu r-rikorrenti u ħabib tagħha, erbgħa (4) tobba u tnax-il membru differenti tal-Korp tal-Pulizija, u dana fuq medda ta' ftit anqas minn sentejn fi ħdax-il seduta.

40. Jirriżulta, għalhekk, illi fil-każ odjern, il-Qorti kienet rinfaċċjata minn verżjoni ta' fatti magħmula minn tmintax-il (18) persuna differenti, liema xhieda kienu lkoll instemgħu unikament mill-Assistent Ġudizzjarju li, kull ma tagħmel, huwa li tisma' u tirreġistra x-xhieda prodotti quddiemha mingħajr ma tagħti ebda riassunt tal-fatti w informazzjoni

oħra lill-Ġudikant illi jkun ser ikun ser jikteb is-sentenza finali dwar tali xhieda u l-utilita' o meno tagħhom.

41. Jirriżulta, għalhekk, illi filwaqt li bħala fatti tal-każ, ossija jekk l-aġir tal-Pulizija kienx wieħed degradenti għar-rikorrenti jew le, wieħed jista' jasal għall-konklużjoni illi dawna kienu sempliċi u ċari, għal dak li jirrigwarda xhieda, ċertament il-Qorti kienet rinfaċċjata b'sitwazzjoni li kellha tevalwa l-verżjoni tal-fatti ta' tmintax-il xhud differenti, f'kawża fejn il-Qorti ma jkollha ebda informazzjoni diretta dwar il-fatti minn smigħ quddiemha magħmul, stante li x-xhieda kollha jinstemgħu minn terza persuna li ma tagħmel xejn aktar milli tagħfas il-buttuna tar-recorder wara li tagħti l-ġurament u terġa' tagħfas l-istess buttuna wara li x-xhieda tkun spiċċat!

42. Dwar <u>il-kondotta tal-parti leża</u>, ossija ir-rikorrenti, kif ġia ġie osservat aktar 'il fuq, il-komportament tar-rikorrenti, fil-proċeduri quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, ċertament ma kinux tali illi għenu sabiex il-proċess ġudizzjarju tħaffef.

43. Jirriżulta, di fatti, illi l-istess rikorrenti xehdet biss darba waħda, ossija fit-13 ta' April 2015, u qatt ma reġgħet la dehret u wisq anqas xehdet - anke fil-proċeduri odjerni – u wara dakinhar il-kawża baqgħet tiġi amministrata, kif jgħid l-Ingliż 'by correspondence".

44. Jirriżulta, mill-banda l-oħra illi, filwaqt li l-konsulenti legali mexxew il-kawża billi ressqu varji xhieda, preċiżament tlettax-il xhud għar-rikorrent, huma kienu wkoll responsabbli għal dewmien da' parte tagħhom fejn, bejn differimenti sabiex jirregolaw ruħhom u differimenti biex jippreżentaw is-sottomissjonijiet finali tagħhom, tawwlu l-proċess odjern inutilment għal madwar **tmintax-il xahar**.

45. Dwar il-kondotta tal-awtoritajiet kompetenti, għandu jingħad illi, fejn jirrigwarda l-intimati fil-kawża li dwaru hemm l-ilment, ossija il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali, jidher ċar illi ma kien hemm ebda tentattiv sabiex itawwlu l-proċess ġudizzjarju, tant illi fi tlett seduti huma ressqu ħames xhieda u, meta l-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet, l-intimati ressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub fiż-żmien lilhom mogħti, u dana minkejja illi l-konsulenti legali tar-rikorrenti kienu għadhom ma ressqux is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub.

46. Għalhekk, ċertament dewmien fil-proċess odjern ma jistax jiġi attribwit għal xi dewmien ta' l-intimati.

47. L-istess, madanakollu, ma jistax jingħad għal dak illi jirrigwarda l-operat tal-Awtoritajiet Governattivi għal dak illi jirrigwarda l-operat tal-Qorti. Din il-Qorti tosserva illi huwa faċli li wieħed jipponta subgħajh lejn Ġudikant u jikkontendi li d-dewmien kien riżultat ta' nuqqas tiegħu, iżda tali akkuża la tkun waħda ġusta u wisq anqas korretta, u dina l-Qorti, kif komposta, qatt ma hija ser taċċetta tali tip ta' argumentazzjoni.

48. Hawhekk, huwa interessanti li ssir referenza għas-sentenza, kkwotata mir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet tagħha, fl-ismijiet ***John Bugeja vs L-Avukat Ġenerali et***, illi ngħatat ftit anqas minn għoxrin (20) sena ilu, ossija fil-11 ta' Awwissu 2003, fejn ċertament is-sitwazzjoni tal-operat tal-Qrati ma kienx gravi daqs kemm huwa llum, u fejn dakinhar il-Qorti kellha da xi tgħid:

> *"Meta jinstab li kawża damet pendenti għal żmien twil u damet irraġonevolment biex inqgħatet, ikun ġudizzju simpliċistiku wisq li tintefa' l-ħtija għad-dewmien fuq l-imħallef partikolari li jkun sema' l-istess kawża li damet. Ikun ġudizzju x'aktarx immensament inġust li takkuża jew li tinsinwa li dak l-imħallef partikolari ikun tgħażżen, tnikker jew ġeneralment ma kienx diliġenti f'xogħolu. Dan għaliex, fil-verita', l-abilta' ta' dak l-imħallef li jiddisponi mill-kawżi fi żmien raġonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsiċi u personali tiegħu, iżda, fil-parti l-kbira, tiddependi fuq l-effikaċja o meno ta' l-ambjent li jaħdem fih.* ***Fost il-fatturi li jikkondizzjonaw dan l-ambjent, insibu n-numru kbir ta' kawzi "qodma" (backlog) li "jitgħabba" bih appena jilħaq imħallef, in-numru sinjifikanti ta' kawżi ġodda li jiġu assenjati lilu regolarment, u dawk li jista' "jiret" meta jirtira xi ġudikant, il-kwalita' u l-kumplessita' ta' l-istess kawżi, jekk l-imħallef jingħatax persuni debitament kwalifikati biex jassistuh, jekk jingħatax r-riżorsi neċessarji biex jagħmel ir-riċerka tiegħu, biex iżomm ruħu aġġornat fl-istudji tiegħu, u biex isib il-ħin neċessarju għad-deliberazzjoni u l-kitba tas-sentenzi***. (sottolinjar ta' dina l-Qorti)
>
> *Id-dritt fundamentali ta' l-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa u finalizzata egħluq iż-żmien raġonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-seħħ sistema efficjenti t'amministrazzjoni tal-ġustizzja. Il-ġudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema tagħna, huma ż-żewġ kolonni l-oħra ta' l-istat, ċioe' l-eżekuttiv u l-leġislattiv, li għandhom obbligu li jipprovdu r-riżorsi, l-istrutturi u l-għodod l-oħra kollha neċessarji biex il-Qrati jkunu f'pożizzjoni li jwettqu l-ġustizzja fi żmien raġonevoli.*
>
> *Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem għallmet li l-artikolu 6 tal- Konvenzjoni: "... imposes on the Contracting States the duty to organise their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision Salesi vs Italy (2610211993). It wishes to reaffirm the importance of administerting justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility Katte Klitsche de la Grange vs Italy (27/10/1994) - (ara A.P. vs Italy 28/07/1999 Application 35265/97 - para. 18)"*

49. Hija tassew ta' tħassib għal dina l-Qorti li, aktar minn għoxrin sena ilu, il-Qrati kienu ġia qed jagħmluha ċara li s-sitwazzjoni ta' "backlog" ta' kawżi, nuqqas ta' staff kompetenti u nuqqas ta' riżorsi kienet waħda li ċertament kienet qiegħda ċċaħħad liċ-ċittadin minn smigħ xieraq, u din is-sitwazzjoni hija l-istess, jekk mhux bil-ferm agħar, illum il-ġurnata.

50. Hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tagħmilx ukoll referenza għal element ieħor illi ċertament jimpinġi serjament fuq l-andament ta' kull proċess quddiem Ġudikant, inkluż dawk Kostituzzjonali – is-sistema arkaika w burokratika eżistenti llum tal-ġbir tal-provi f'kawża.

51. Din il-Qorti tirrileva illi **wasal iż-żmien li l-leġislatur jagħżel li jintroduċi leġislazzjoni fejn il-provi kollha f'kawża jiġu redatti minn qabel mill-partijiet u**

**jiġu mgħoddija lil kontro parti permezz ta' sistema ta' "discovery" QABEL ma tinbeda l-kawża – dana ċertament jiffaċilita' bil-kbir il-proċess tal-ġbir tal-provi, jassikura wkoll illi ma jkunx hemm ħela ta' ħin u ta' seduti fejn parti tkun trid tirregola ruħha dwar provi li tressqu jew li għad iridu jitressqu u jiġi aċċertat illi l-proċess ġudizzjarju jsir b'mod effiċjenti u trasparenti** – is-sistema ta' llum kif redatta fil-Liġi hija l-antiteżi ta' dan kollu kif fuq deskritt, fejn kawża titwal inutilment fl-istadju tal-ġbir tal-provi u dokumentazzjoni jiġu prodotti fl-aħħar minuta għalkemm il-parti tkun ben a korrent tal-provi minn qabel. Qabel ma l-leġislatur jifhem illi b'hekk biss il-proċess ġudizzjarju jista' jsir wieħed aktar effettiv u effiċjenti, il-proċess ġudizzjarju ser jibqa' jkun wieħed pedantiku, burokratiku u ineffiċjenti, li jibbenefika biss lil min huwa fit-tort!

52. Għalhekk, ċertament l-Istat, li huwa hawn rappreżentant mill-Avukat tal-Istat, bħala l-entita responsabbli sabiex jassikura li l-proċess tal-Ġustizzja, inkluż l-operat tal-Qrati, jkun wieħed li jwassal għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli lil kull min jidher il-Qorti, għandu jerfa' r-responsabbilta' tan-nuqqasijiet tiegħu, u, filwaqt illi, fil-każ odjern, għandu jagħmel tajjeb għal dewmien kkawżat minn assjem ta' fatti u problemi amministrattivi li wasslu għal dewmien fl-ghoti ta' sentenza finali, **fuq bażi in ġenerali, għandu jassikura li l-operat tal-Qrati għandu jingħata l-investiment kollu neċessarju sabiex jopera b'mod effiċjenti kif ukoll il-leġislazzjoni kollha relatata mal-proċeduri fil-Qrati għandhom jiġu aġġornati sabiex varji problemi burokratiċi u arkaijiċi jiġu sorvolati, u dana sabiex istanzi oħra ta' nuqqas ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli jiġu evitati.**

53. Abbażi ta' dak kollu kif fuq ikkunsidrat, il-Qorti ma għandha ebda dubju illi kull proċess ġudizzjarju, aktar u aktar dak ta' natura Kostituzzjonali, bħalma kien dak li dwaru qiegħda tilmenta r-rikorrenti, għandu jiġi deċiż fi żmien raġonevoli, u ċertament proċess Kostituzzjonali ma għandux jieħu ħames snin u nofs sabiex jiġi deċiż.

54. **Għalhekk, huwa ċar illi jirriżulta li d-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem ġie lilha leż.**

**Kumpens**

55. Il-Qorti tosserva illi, kif ġia indikat aktar 'il fuq, il-proċess ġudizzjarju kollu ha aktar minn ħames snin u nofs, li kienu jinkludu wkoll tmintax-il xahar fejn il-konsulenti legali tar-rikorrenti naqsu milli jagħmlu dak minnhom rikjest sabiex timxi l-kawża, filwaqt illi għal ftit anqas minn tletin xahar, il-Qorti għarblet il-proċess sabiex eventwalment ippronunċjat id-deċiżjoni finali tagħha fis-17 ta' Diċembru 2020.

56. Il-Qorti tosserva, madanakollu, illi tul il-proċess ittellgħu wkoll tmintax-il xhud, li hija indikazzjoni ċara illi l-kawża ma kinetx daqstant sempliċi, kemm jagħtu x'jifhem il-konsulenti legali tar-rikorrenti.

57. Il-Qorti tosserva wkoll illi, għalkemm ir-rikorrenti titlob lill-Qorti sabiex tagħti rimedju effettiv, jirriżulta ċar illi l-istess rikorrenti ma sofriet ebda danni riżultat tad-dewmien fid-deċiżjoni, stante illi hija qatt ma kienet arrestata għal tmintax-il siegħa, ġimgħat qabel ma ntavolat il-proċeduri odjerni, u ma uriet ebda tip ta' dokumentazzjoni in

sostenn ta' xi danni oħra pekunjarji illi hija setgħet sofriet – għalhekk il-Qorti tqis illi l-unika rimedju li għandha tagħti lir-rikorrenti hija dik ta' danni non-pekunjarji.

58. Il-Qorti, hawnhekk tagħmel referenza għal deċiżjoni tal-Qorti ta' Prim' Istanza tal-EcHR mogħtija fl-10 ta' Novembru 2004, ossija '**Riccardi Pizzati vs Italy**', illi għalkemm eventwalment ġiet ridimensjonata mill-Grand Chamber fid-29 ta' Marzu 2006 in vista ta' leġislazzjoni rimedjali introdotta mill-awtoritajiet Governattivi tal-Italja f'dawk iż-żminijiet, ħarġet b'metodu ta' kalkolu illi ċertament għandu jiġi kkunsidrat bħala interessanti waqt li tevalwa d-danni non-pekunjari li għandhom jingħataw.

59. Il-Qorti, f'dik is-sentenza, għaddiet biex għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> *2. Criteria specific to non-pecuniary damage*
>
> *26. As regards an equitable assessment of the non-pecuniary damage sustained as a result of the length of proceedings, the Court considers that a sum varying between EUR 1,000 and 1,500 per year's duration of the proceedings (and not per year's delay) is a base figure for the relevant calculation. The outcome of the domestic proceedings (whether the applicant loses, wins or ultimately reaches a friendly settlement) is immaterial to the non-pecuniary damage sustained on account of the length of the proceedings.*
>
> *The aggregate amount will be increased by EUR 2,000 if the stakes involved in the dispute are considerable, such as in cases concerning labour law, civil status and capacity, pensions, or particularly serious proceedings relating to a person's health or life.*
>
> *The basic award will be reduced in accordance with the number of courts dealing with the case throughout the duration of the proceedings, the conduct of the applicant – particularly the number of months or years due to unjustified adjournments for which the applicant is responsible – to the stakes involved in the dispute – for example where the financial stakes are of little importance for the applicant – and on the basis of the standard of living in the country concerned. A reduction may also be envisaged where the applicant has been only briefly involved in the proceedings, having continued them in his or her capacity as heir.*
>
> *The amount may also be reduced where the applicant has already obtained a finding of a violation in domestic proceedings and a sum of money by using a domestic remedy. Apart from the fact that the existence of a domestic remedy is in full keeping with the subsidiarity principle embodied in the Convention, such a remedy is closer and more accessible than an application to the Court, is faster, and is processed in the applicant's own language; it thus offers advantages that need to be taken into consideration.*

60. Applikati l-prinċipji diskussi mill-EcHR fis-sentenza fuq ċitata, il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

a. Il-kawża damet ħames snin u nofs, ossija sitta u sittin xahar biex tiġi deċiża, u bl-applikazzjoni tar-regola ta' €1,000 għal kull sena, dana jwassal għal valur ta' €5,500.

b. Jirriżulta illi minn tali ħames snin u nofs, il-konsulenti legali tar-rikorrenti tawwlu l-proċeduri inutilment għal tmintax-il xahar. Applikati tali tmintax-il xahar mas-sitta u sittin xahar li dam għaddej il-proċess intjier fil-Prim' Istanza, [(18/66)x100)] dan iffisser li għandu jkun hemm tnaqqis ta' sebgħa u għoxrin fil-mija (27%). Dan iwassal għal tnaqqis ta' €1,485 mill-ammont likwidat, li issa għandu jkun ta' €4,015.

c. Jirriżulta wkoll illi, fl-appell, ir-rikorrent ingħatat kumpens għall-ilment Kostituzzjonali minnha ilmentat, u għalhekk, abbażi ta' dak stabbilit fis-sentenza fuq kkwotata, l-ammont likwidat għandu jiġi ridott bi tletin fil-mija (30%) oħra mill-ammont hekk likwidat u ridott. Dan jammonta għal €1,204 oħra, li jħalli bilanċ hekk likwidat ta' €2,810.

d. Finalment, għal fini ta' prattiċita', din il-Qorti tqis illi tali kumpens għandu jiġi arrotondat sabiex jiġi faċilment komputat a fini ta' spejjeż, u għalhekk il-Qorti qiegħda tqis illi l-kumpens li għandu jkun dovut, għandu jkun ta' tlett elef Euro (€3,000).

61. Għalhekk, il-Qorti tqis illi l-kumpens dovut lir-rikorrenti bħala danni non-pekunjarji għal dewmien fil-proċeduri Kostituzzjonali Rikors Nru 23/15 fl-ismijiet 'Jennifer Koster vs Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali', għandu jkun ta' tlett elef euro (€3,000).

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet ta' l-intimat, u għalhekk;

**Tilqa'** l-ewwel talba kif dedotta u, konsegwentement:

**Tiddikjara** illi t-trapass taż-żmien u d-dewmien irraġonevoli li ttieħed sabiex ġew konklużi il-proċeduri kostituzzjonali surreferiti, leda d-dritt fundamentali u kostituzzjonali tagħha, hekk kif sanċiti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

**Tilqa'** t-tieni talba kif dedotta u konsegwentement:

**Takkorda**, bħala rimedju effettiv għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali sofferti mir-rikorrenti, is-somma ta' tlett elef Euro (€3,000), bħala danni non-pekunjarji, li għalihom għandu jagħmel tajjeb l-intimat, u għalhekk:

**Tordna lill-Avukat tal-Istat iħallas is-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) bħala kumpens, kif fuq deskritt**.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimat.

**Francesco Depasquale** LL.D. LL.M. (IMLI)
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**